MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2005

Numru 465/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Grech**
**Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

Alexander Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Alexander Micallef ta' karta ta' identita' numru 325769(M), akkuzat talli:

Nakkuzah talli fil-15 ta' Gunju 2004 ghall-habta tal-11:00 a.m., fil-Bini tal-Qorti, Malta u fi Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt u cioe' ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Graziella Ferrito u Saviour Ferrito minn H'Attard u dan bi ksur tal-Artikoli 41,

214, 216, 222(1)(b) u 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura hafifa fuq Graziella Ferrito u Saviour Ferrito, skond ma ccertifika t-tabib Dr. Anthon Briffa MD (Reg 2544) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess jum, hin u cirkostanzi ingurja, heddid jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ l-Ispettur Kevin Farrugia, PS928 u membri ohra tal-korp tal-Pulizija li huma lkoll persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur ta’ Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew jnaqqas il-gieh ta’ l-Ispettur Kevin Farrugia, PS928, membri ohra tal-korp tal-Pulizija ta’ Malta, Graziella Ferrito u Saviour Ferrito weggghahom bi kliem b’gest jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Graziella Ferrito u Saviour Ferrito u dan sabiex jingurjahhom, iddejjaqhom jew jaghmilhom hsara u dan bi ksur ta’ l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b’xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offendew il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbotta lil imsemmija Graziella Ferrito u Saviour Ferrito u dan sabiex iweggghahom jew jinsulentahom u dan bi ksur ta’ l-artikolu 339(1)(l) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi rrifjuta li jaghti jew ta flaz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel d-dmirijiet tieghu, ismu , kunjomu, fejn joqghod u partikolarijiet ohra u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ksier il-provvedimenti ta' l-Artikoli 7 u 22 tal-Kap 446 u ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' (Malta) li gew inposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D. datata 15/06/2004.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi fl-udjenza tal-lum fl-liema ammissjoni hu baqa' jinsisti anke meta inghata' l-opportunita' sabiex jirrikonsidra.

Semghet ix-xhiea li resqet il-prosekuzzjoni sa l-istadju tal-ammissjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluza t-talba biex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Ikkonsidrat:

Ir-reati u l-kontravenzjonijiet li gew adebittati kontra l-imputat huma f'numru esageratament kbir meta meqjusa mal-incident li ta lok ghal dawn il-proceduri. Defatti l-incident ma kellu ebda straxxitu fis-sens li l-feriti riportati mill-kwerelanti kienu ta' natura hafifa. Dan hareg esawrentement car mill-provi li lahqu nstemghu. Fattur iehor li ghandu jissemma hu li fl-ebda hin fit-tehid tal-istqarrija minghand l-imputat ma jirrisulta l-ingurji, it-theddid jew l-offiza prospettati fit-tielet u r-raba akkuzi.

Illi dan qieghed jinghad fid-dawl tal-konsiderazzjoni tal-piena stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat ghall-akkuzi kollha lilu addebitati.

Filwaqt ghalhekk li ssib l-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu fuq l-iskorta tal-ammissjoni tieghu, wara li kkunsidrat li l-istess imputat ghamel perjodu ta' cirka tlett gimghat arrestat preventivament in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, rat l-artikolu 41, 214, 216, 222(1)(b), 222A, 211(1), 95(1), 339(d)(e), 338(bb), 342, 339(1)(i), 338(g), u 17 tal-Kap 9, l-Artikolu 7 u 22 tal-Kap 446, tiddecidi li tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor f'perjodu ta' sitt xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------